**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 619/01 AE**

**Denise Agius**

**Vs**

**Mario Agius**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltija (Lm370) flus li gew mislufa brevi manu lill-konvenut.

Semgha lill-attrici bil-gurament tikkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Ra d-dokument (Dok. DA) li gie prezentat mill-attrici u li permezz tieghu l-konvenut iddikjara li huwa debitur tal-attrici f'din is-somma u obbliga ruhu li jhallas il-flus lura sas-17 ta' Jannar 2001.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-seduta izda ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Semgha lill-konvenut jiddikjara li huwa ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi peress li kien qieghed jistenna ghal informazzjoni minghand terzi. Il-konvenut iddikjara wkoll li:

1. Id-dokument markat bhala Dok. DA u pprezentat mill-attrici, inkiteb u gie ffirmat minnu.
2. Huwa ma kienx debitur ta' l-attrici ghal sebghin fil-mija (70%) mis-somma mitluba, peress li kellu jithallas ghal xogholijiet li saru fid-dar taghha.
3. Il-kreditu pretiz minnu ma kienx kanonizzat permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti.

Ra d-dikjarazzjoni ta' l-avukat difensur ta' l-attrici li permezz taghha gie ddikjarat li l-attrici qeghda tikkontesta l-kreditu li l-konvenut qieghed jippretendi li ghandu fil-konfront taghha.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma ressaqx raguni valida ghalfejn ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

F'kull kaz, minn kliemu stess id-difiza li kien ser iressaq hija ta' tpacija. Peress li l-ammont li qieghed jippretendi l-konvenut m'huwiex likwidu u huwa kontestat, ma tistax issehh it-tpacija (ara kawza fl-ismijiet **Avukat Dottor Kevin F. Dingli et nomine vs Surgiquip Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2000). Huwa risaput li "il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra" (**Paul Abela nomine vs Paul Laferla nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1953).

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltija (Lm370) dovuta ghar-ragunijiet premessi, bl-imghax mid-data tas-17 ta' Jannar 2001, data meta kellu jsir il-hlas kif jirrizulta mid-dokument DA.

L-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, jithallsu mill-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur